# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Talba Nru: 345/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 5**

**Keith Spiteri [K.I 355284M]**

**vs**

**Christina Maria Dixon [K.I. 0198299A] u John Dixon [K.I. 0198199A]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2021, permezz ta' liema, l-l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€743.40ċ) rappreżentanti servizzi mogħtija u mhux imħallsa kif aħjar deskritt fl-istess avviż[1].

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenuti tas-26 ta' Frar 2022[2], permezz ta' liema l-konvenuti eċċeppew li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv u li jmur kontra dak miftiehem.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta Christina Maria Dixon u tal-attur Keith Spiteri flimkien mad-dokument eżebit[3];

Ra l-affidavit tal-konvenut[4];

Sema' l-kontro-eżami ta' Keith Spiteri, l-eżami ulterjuri u kontro-eżami tal-konvenuta u l-kontro-eżami tal-konvenut[5];

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi l-provi u x-xhieda kienu brevement is-segwenti.

Illi l-konvenuta Christina Maria Dixon prodotta mill-attur[7] tikkonferma li parti mill-ammont huwa fil-fatt dovut iżda mhux l-ammont kollu, Tgħid li hi lesta tħallas l-ammont ta' €373, ċioé €353 kif miftiehm u żieda ta' għoxrin Ewro oħra għal xi cover li kien aktar għali. Ovvjament kien jitħallas il-VAT fuq dan l-

[2] A fol 9 *et seq* tal-proċess.
[3] Magħmula fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022.
[4] Eżebit permezz ta' nota a fol 44 tal-proċess.
[5] Magħmula fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022.
[6] Magħmula fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022, liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta kif ordnat u tibda a fol 49 tal-proċess.
[7] Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 19 tal-proċess.

ammont. Tgħid li kien hemm arranġament verbali mal-attur fuq dan l-ammont. Oriġinarjament ingaġġaw is-servizzi tal-attur għaliex id-dawl fid-dar tagħhom kien qiegħed konstantament jinqata. Huwa spjegalhom li kellu jsir xogħol tat-tip *under and over* u *cut-out switch* għall-emerġenzi. B'hekk kellha tineħħha l-kaxxa tad-dawl antika, titkabbar il-ħofra fil-ħajt u ssir is-sistema l-ġdida. Hekk sar.

Illi in kontro-eżami fl-istess seduta, tgħid li qatt ma kellha problemi mal-attur u li kienet utilizzat s-servizzi tiegħu qabel. Qatt ma kien hemm problemi ta' ħlas.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll l-attur. In eżami[8], jgħid li huwa jagħmel xogħol ta' *electrician, plumber* u *handyman.* Lill-konvenuti jafhom għax klijent ieħor kien irrakomandaħ. Kien għamel xi xogħol ieħor preċedenti għal dan. It-tip ta' xogħol kien jikkonsisti fi protezzjoni eletrikka għad-dar għaliex kien hemm problema fejn il-kurrent beda jogħla u jinżel f'daqqa. Il-konvenuti kellhom żewġ għażliet, waħda mingaħjr ma tinqala' l-kaxxa u waħda bl-instalazzjoni tal-kaxxa. Kien diġa mar jaqla s-salvavita qabel, ta' liema xogħol ma ħax flus. Il-problema kienet baqgħet hemm u allura sar id-diskors dwar ix-xogħol mertu ta' din il-kawża. Il-konvenuta kienet għażlet it-tieni opzjoni u ċioé li tinqala l-kaxxa eżistenti, bil-wirings kollha, jerġa jsir mill-ġdid ġewwa kaxxa kbira u jsir protezzjoni kompluta. Ix-xogħol sar kollu. Il-materjal utilizzat kien ukoll parti mill-prezz mitlub f'din il-kawża. Ġiet eżebita l-fattura relattiva. Il-konvenuti qatt ma qallu lill-lavrant tiegħu biex jieqaf waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol. Il-problema dwar il-prezz feġġet wara. Huma kien lesti jħallsu l-ammont ta' €350 dak il-ħin iżda hu qalilhom biex ma jinkwetawx u jħallsu kollox f'sald wieħed. Wara li bagħat il-kont, ma ħallsu qatt. Il-kuntatt kien l-aktar mall-konvenuta.

[8] Magħmul fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 22 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[9], l-attur jispjega li l-opzjoni irħisa kellha wkoll materjal Ċiniż, materjal aktar inferjuri. Bl-ewwel opzjoni, jekk jogħola d-dawl tinħaraq hi (il-kaxxa) u jkollha tinbidel kompletament. Bil-mod kif ħadem hu, jinħarqu biss il-modules li ma jiswewx flus. Il-konvenuta kienet riedet l-aqwa li hemm. Hu kien avżaha li jekk tagħżel il-kaxxa minn ġewwa (il-ħajt), il-prezz kien ħa jkun aktar minn sitt mija apparti l-VAT. Kien il-klijent li għażel. Jgħid li f'okkażżjonijiet preċedenti ma kienx hemm problemi ta' flus, iżda lanqas kien hemm diskursati dwar kemm sejrin jiswew l-affarijiet. Jerġa jikkonferma lix-xogħol ta' idejh huwa inkluż fl-ammont mitlub.

Illi xehed ukoll il-konvenut. Inizjalment, permezz t'affidavit[10]. Hawnhekk jinnega li l-attur qatt ta' xi forma t'għażla dwar x'tip ta' xogħol seta jsir. Kienu huma li talbu li l-kaxxa tkun ġewwa l-ħajt u ma tidhirx. Skont hu, l-ammont kien ta' bejn €350 u €360 VAT eskluż. Imbagħad jidħol f'kunsiderazzjonijiet dwar ir-rata li skont hu kien ħaqqu l-attur. Il-bqija tal-affidavit aktar jiċċentra dwar dak li jaħseb il-konvenut fuq ir-rata li skond hu hija ġusta, milli kunsiderazzjonijiet fattwali. Jgħid pero li ma kienx jaf li l-fattura kienet sejra tinkludi wkoll l-ispejjeż tal-ħofra fil-ħajt, għalkemm jaċċetta li din damet sagħtejn biex issir. Jgħid li l-fattura hija frawdolenti.

Illi l-konvenut imbagħad in kontro-eżami[11] jgħid li ħafna minn dak li qal u sema kien verament *detto del detto*. Mill-bqija dak li qal kien irrelevanti.

Illi magħmul dan ir-riassunt huwa ovvju li din il-kawża titratta biss, u b'mod sempliċi, il-ħlas dovut lill-appaltatur għal-prestazzjoni (u materjal mixtri)

[9] Magħmul fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022. Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 31 tal-proċess.
[10] Nota relattiv tinsab a fol 44 tal-proċess.
[11] Xhieda relattiva tibda *a tergo* ta' fol 41 tal-proċess.

imwettqa minnu[12]. Dwar dan, jidher li l-konvenuti bl-eċċezzjonijiet tagħhom (u kif anke irriżulta waqt ix-xhieda tagħhom) huma lesti li jħallsu xi ammont, iżda mhux l-ammont hawn mitlub fl-intier tiegħu. Tajjeb jingħad li l-konvenuti bl-ebda mod ma jattribwixxu xi nuqqasijiet da parti tal-attur, jew b'xi mod jiddefendu din it-Talba billi jgħidu lix-xogħol magħmul kien ħażin jew ta' ebda utilità[13].

Illi huwa minnu li dan it-Tribunal huwa dispensat minn ċerti regoli rigwardanti l-provi quddiemu[14], b'danakollu ma jistax jaċċetta dak kontenut fl-affidavit tal-konvenut li huwa bbażat fuq allegazzjonijiet u supposizzjonijiet biss, għaliex fi

---

[12] Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghallprincipju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli talQorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun ilkwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak ilkwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti*"

[13] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-isitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħhna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser. Ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: *"Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[14] Hekk per eżempju, u b'mod speċifiku għall-affidavit odjern, issir referenza għall-artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

kliemu stess huwa kien qiegħed sempliciment jassumi il-veraċita' ta' dak miktub minnu. Fil-kontro-eżami tiegħu, ħareġ biċ-ċar li l-konvenut sempliciment jgħid li l-konklużjoni ta' din il-kwistjoni hija ovvja, mingħajr ma jagħti l-ebda ħjiel ta' xejn[15]. Il-komportament tiegħu[16] waqt il-kontro-eżami ma kienx t'għajnuna għat-teżi tal-konvenuti.

---

[15] F'dan ir-rigward, t-Tribunal jieħu okkażżjoni jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Green Skip Services Ltd vs Noel Cefai,** (Tlb Nru: 436/2017) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut, nhar il-14 ta' Lulju 2022 fejn reġa ħa l-okkażżjoni jgħid hekk: "*Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità – kif ghamel u rrimarka f'diversi okkazzjonijiet precedenti – illi m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwneti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik rejali u, allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru ta' l-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza u quddiem min huwa ultimament imsejjhaq biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva, organizzata u konkreta lill-enti gudikanti ghalliskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi (jew ix-xewqat) unilaterali tal-partijiet.*"

[16] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015.

Illi għal dan it-Tribunal hija ferm aktar verosimili l-verżjoni tal-attur u ċioé li huwa kien ċar mal-konvenuti dwar dak meħtieġ u dwar l-ispejjeż relattivi. Jemerġi ċar ukoll mhux biss l-aċċettazjoni tal-konvenuti, iżda għażla libera tagħhom ta' liema servizz riedu mingħand l-attur. Ma jistgħux issa allura jippretendu li ma jħallsux dak dovut minnhom, jew iħallsu ammont ferm inferjuri. Frankament, jekk huwa minnu li l-konvenuti ma kienux għażlu jew talbu lill-attur iwettaq dak magħmul minnu, huwa ċar li kienu sejrin iwaqqfu lill-attur qabel ma jikkompleta x-xogħol. Irriżulta biċ-ċar li dan ma kienx il-każ. M'għandux ikun peró li issa, wara li ħadu s-servizz minnhom mitlub u magħmul, liema servizz kien t'utilitá għalihom jonqsu milli jħallsu[17]. Huwa ġust u raġonevoli, li l-attur jitħallas[18].

Illi finalment, dwar l-ammont mitlub mill-attur dan huwa wkoll meritevoli t'akkoljiment. Anke gwidat minn dik li hija l-valutazzjoni ekwitattiva[19], dan it-

---

[17] Fost diversi, isir rikjam għall-*obiter* magħmul fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Vella Borg vs Accountant General *et,*** (Ċit Nru: 692/1973/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Ġunju 2005 fejn ġie senjalat hekk: *"Illi dwar l-aspett ta' meta appalt jingħata għal prezz wieħed tax-xogħol kollu tidħol fin-nofs il-kwestjoni dwar il-ħlas xieraq lill-appaltatur. Huwa prinċipju bażilari li l-ħlas lill-appaltatur dwar xogħol lilu appaltat isir dovut biss malli jitwettaq l-appalt, u tkun intempestiva t-talba tiegħu għall-ħlas magħmula qabel ma jkun temm dak li ntrabat li jwettaq, sakemm il-ftehim bejnu u l-kommitt nt ma jkunx jaħseb għal ħlasijiet akkont. Dan jgħodd aktar fejn appalt ikun ġie miftiehem bi prezz wieħed u sħiħ għax-xogħol kollu. Naturalment, meta wieħed jgħid li x-xogħol irid ikun sar kollu, jkun qiegħed jifhem ukoll li jkun sar sewwa kif jitolbu s-sengħa u l-arti;"*

[18] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara s-sentenza fl-ismijiet **Ellul Classic Design Woodworks Limited vs Roni Demanuele,** (App Ċiv Nru: 310/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta' Mejju 2022 fejn fuq it-tema tal-ġustizzja ġie mfakkar hekk: *"Il-Qorti tirrileva li bħala qorti ta' reviżjoni hija m'għandhiex il-mansjoni li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi, għajr f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, ma jkunux raġonevoli, jew fejn tkun sejra ssir inġustizzja manifesta ma' xi parti jew oħra."*

[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk: *"Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u*

Tribunal qiegħed jiddeċiedi li l-ammont huwa ġust, mhux eżaġerat u jirrifletti sew ix-xogħol magħmul mill-attur. Għalkemm il-konvenuti jgħidu li dan huwa ammont eżaġerat, jonqsu milli jgħidu u jippruvaw kif dan huwa hekk[20]. Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova[21].

---

*eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u tal-preġudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[20] Illi f'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Plant Limited vs Ramel u Zrar Limited,** (App Ċiv Nru: 574/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar t-18 ta' Ottubru 2006 fejn ġie mfakkar hekk: *"Issa, jekk hemm bzonn jigi hawn ripetut, il-Kodici ta' Procedura jistatwixxi fl-Artikolu 558 et sequitur dawk li huma meqjusa bhala r-regolamenti tal-provi. Senjatament, li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" (Artikolu 562). Din in-norma ssib il-bazi taghha fir-regola tradizzjonali pacifika "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Regola bhal din tesprimi certament lesigenza logika li tqieghed a kariku tal-parti li tallega fatti ghas-sostenn tal-posizzjoni taghha illi ggib il-prova ta' lezistenza taghhom. Oneru dan impost fuq il-partijiet kollha in kawza: kemm fuq dawk atturi, li jsostnu fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-fondament tad-dritt azzjonat ("actore incumbit probatio"), kemm fuq dawk, konvenut, ghas-sostenn ta' fatti migjuba b' fondament ghall-eccezzjonijiet sollevati biex jikkontrastaw il-pretiza ta' lattur ("reus in excipiendo fit actor"). Proprju "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat, li jikkostitwixxi lkontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu (il-konvenut)".*

[21] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, bi qbil mat-Tribunal qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".*

Illi għalhekk it-talba għandha tintlaqá.

Illi finalment irid jingħad li huwa minnu li l-attur naqas milli jindika li qiegħed jitlob l-ispejjeż tal-preżenti litiġju u l-imgħax. Madanakollu dan m'huwiex ta' xkiel għal dan it-Tribunal għas-segwenti raġunijiet. Għal dak li jikkonċerna t-talba għall-ispejjeż, din titqies bħala miktuba ai fini tal-artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[22]. Dwar l-imgħax, għalkemm dan m'huwiex mitlub fl-Avviż, it-Tribunal sejjer xorta jikkundanna dan il-ħlas u ma jistax jingħad li b'hekk ikun qiegħed jaġixxi *extra petita*[23].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, jilqá t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€743.40ċ) bl-imgħax legali mis-26 ta' Novembru 2021[24] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[22] Dan jgħid hekk: *Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.* Ara f'dan is-sens dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuel Said Ltd vs Carmel Zammit *et*,** (App Ċiv Nru: 47/2004/3) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Novembru 2018. Similment, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Hector Tanti *et* vs Alfio Micallef Grimaud *et*,** (App Ċiv Nru: 740/1995) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-19 ta' Ottubru 2015 fejn ġie awtorevolment mfakkar hekk: "*L-ispejjez gudizzjarji huma accessorji. Ghalhekk ukoll jekk xi parti ma taghmilx talba ad hoc dwar l-ispejjez , il-Qorti ghandha tipprovdi. B'daqshekk il-Qorti ma tkunx qieghda tiddeciedi ultra petita jew extra petita.*"

[23] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Ablea vs George Azzopardi,** (App Ċiv Nru: 380/1987/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.

[24] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avviż qiegħed jitqies bħala sejħa għal ħlas.